MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 665/2008/1

**Mercieca Alfred**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Illum il-Ġimgħa, 5 ta’ Ottubru 2012**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta’ Alfred Mercieca ta’ l-20 ta’ Novembru 2008.

Rat ir-Risposta tal-Korporazzjoni intimata.

Rat l-atti l-oħra tar-Rikors, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura taħt l-artikou 466 tal-Kap.12, fejn ir-rikorrent qed jikkontesta l-akkwist ta' titolu eżekuttiv da parti tal-Korporazzjoni Enemalta dwar l-ammont indikat fir-Rikors. Ir-rikorrent jikkontendi illi l-ammont ta' disa' mija u erba' u erbgħin euro u erbgħa ċentezmi (€944.04ċ), pretiż mill-Korporazzjoni għal konsum ta' elettriku allegatament mhux reġistrat għall-perijodu indikat fir-Rikors, huwa wieħed ivvintat u arbitrarju.

**Alan Chetcuti**, rappresentant tal-Korporazzjoni, fisser fid-dettal kif din waslet għaċ-ċifra ndikata fir-Rikors. Ittieħdu r-*readings* kollha tal-meter oriġinali sa mis-sena 1996 meta dan ġie nstallat fir-residenza tar-rikorrent, biex minnhom inħareġ l-*average unit comsumption* għal kull ġurnata. Minn dawn ir-*readings* irriżulta illi għall-perijodu bejn is-26 ta'Awwissu 2000 u t-22 ta' Ottubru 2005 kien ġie reġistrat *average daily consumption* ta' 10.49 units, mentri għall-perijodu bejn it-2 ta' Ottubru 2005 meta ġie nstallat meter ġdid u t-8 ta' Ottubru 2007, ġew reġistrati *average* ta' 15.892 għal kull ġurnata, u għalhekk differenza ta' iżjed minn ħames (5) *units* għal kull ġurnata. Il-kont presenti għalhekk inħadem fuq il-valur ta' din id-differenza fil-konsum reġistrat.[1]

Ix-xhud, **Mario Pavia**, impjegat tal-Korporazzjoni f'Għawdex, spjega kif meta fit-22 ta'Ottubru 2005 mar ma' impjegati oħra tal-korporazzjoni sabiex jibdlu l-meter installat fir-residenza tar-rikorrent, sab xi rregolaritajiet konsistenti fi ħsara fuq xi siġilli li kien hemm mal-meter u grif fuq l-istess meter. Għalhekk inħoloq suspett ta' tbagħbis u anke infetħet inkjesta maġisterjali dwar il-każ. [2]

Ir-rikorrent **Alfred Mericeca** caħad li huwa qatt bagħbas f'dan il-meter tad-dawl. Attribwixxa l-ħsara li instabet fuqu

---

[1] Ara deposizzjoni tax-xhud a fol.8 – 12 tal-process, u Dok.AC 1 a fol. 24 29 tal-process
[2] Ara deposizzjoni ta' Mario Pavia a fol.13 – 21 u DOK.MP 1 a fol.30

għall-fatt li dan kien installat wara l-bieb tal-*garage* u għalhekk seta' intlaqat meta jinfetaħ dan il-bieb. Spjega wkoll illi matul il-perijodu fejn ġie reġistrat konsum inqas min-normal, huwa kien għamel tmien xhur imsiefer.

F'dawn il-proċeduri l-Qorti mhix tenuta tinvestiga jekk tassew kienx hemm tbagħbis fil-meter in kwistjoni, imma sempliċement li tara jekk il-Korporazzjoni hijiex ġustifikata tirreklama l-ammont indikat fir-rikors għal konsum allegatament mhux reġistrat. L-eżerċizzju hawn fuq spjegat li għamlet il-Korporazzjoni biex waslet għall-figura ndikata, rriżulta f'diskrepanza konsiderevoli fil-konsum li kien qed jiġi reġistrat għall-perijodu suspettat, minn dak li ġie reġistrat wara li nbidel il-meter, u dan minkejja li rriżulta li f'dan l-aħħar perijodu, kif qal ir-rikorrent stess, kienu jirrisjedu biss f'dan il-fond huwa u martu. Ir-rikorrent ma kienx kapaċi jispjega din id-diskrepanza, għajr għall-allegazzjoni tiegħu (mhix sostanzjata) li kien għamel tmien xhur imsiefer bejn l-aħħar tas-sena 2001 u Awwissu 2002. Kif tajjeb qal il-legali tal-Korporazzjoni ntimata fit-trattazzjoni orali, ġialadarba dan ir-Rikors sar minn Alfred Mercieca, kien jispetta lilu li jġib il-provi meħtieġa biex iwaqqgħu il-presunzjoni li l-liġi tikkonċedi favur dan l-enti parastatali.

Minn naħa l-oħra ma jidher li hemm xejn esagerat jew arbitrarju fil-kalkoli ta' l-Enemalta. Kif ġia mfisser hawn fuq, dawn inħadmu fuq id-differenza bejn l-*average daily unit consumption* li ġie reġistrat fil-perijodu suspettat imqabbel ma' dak li ġie registrat bil-meter il-ġdid, bir-rati applikabbli għal dak il-perijdu.

Għaldaqstant jirriżulta li l-ammont mitlub mill-Korporazzjoni intimata huwa wieħed ġust u jimmerita konferma.

Għal dawn il-motivi, peress illi l-kontestazzjoni tar-rikorrent ta' l-ittra uffiċċjali tas-27 ta' Ottubru 2008 mibgħuta kontra tiegħu ma tirriżultax ġustifikata, tiċħad it-talba tiegħu, u konsegwentement tiddikjara t-talba tal-Korporazzjoni Enemalta għall-ammont indikat bħala waħda għal kollox

fondata fil-liġi u għalhekk esegwibbli taħt l-artikolu 466 tal-Kap.12.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent Alfred Mercieca.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------